# Kapitlu 0

# Ta' qabel tal-ewwel

"Jake Cassar Jake Cassar," għajjat Furun.

"X'ġara Furun?"

"Kulħadd jistaħba għax kulħadd jixjieħ."

"Xiex?"

"Fidelja taħrab, boċċa tinkiser, sħab kullimkien, sħab velenuż, kulħadd jixjieħ, Prinċep Pankrazju maqful."

“Furun m’jien nifhem xejn milli qed tgħidli. Tista’ tkellimni iktar bil-mod jekk jogħġbok?”

“Furun m’għandux ċans jispjega. Furun jitlaq u jerġa’ jiġi. Jake jibqa’ fil-kamra.”

“Sten …

titlaqx …

Furuuuun!

Fuuuuruuuuun!”

## Kapitlu 1

# Fidelja fil-boċċa tal-ħġieġ

*Aaaaaaaaaaaaaaa* kemm tkun sabiħa d-dinja bla sriek! U kemm tkun sabiħa d-dinja mingħajr Fidelja, mingħajr id-daħka skabruża tagħha, mingħajr dawk l-għajnejn iberrqu, mingħajr dak ix-xagħar-folt-qarnita-sewda.

"JAKKEE!"

Naturalment sakemm il-ġurnata ma tibdihiex bit-twerżiq ta' xi oħt bħal Mel.

"JAAAKKKKEE!

"Dik minn fejn ġibtha?" staqsietni meta daħlet f'salt f'kamarti u ratni nħares lejn il-kuruna.

"Dik tahieli r-Re Pankrazju."

"X'tagħmel biha?"

"Xejn."

"Mela għaliex tahielek?"

"Mhux affarik u ħallini bi kwieti għax għandi d-dwejjaq."

"Għaliex?"

"Għax għadu kemm ġie Furun u qalli ħafna affarijiet koroh. Qalli wisq affarijiet koroh u ma fhimtx nofs l-affarijiet li qalli."



”

